Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 333/2012

Il-Pulizija

Vs

Daphne Ann Caruana Galizia

Illum 30 ta' Gunju, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellata Daphne Ann Caruana Galizia detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 450664M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-2 ta' Marzu, 2010 ghal-habta tas-13:30hrs gewwa l-Belt, Valletta:

1. bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Charlon Gouder, weggghetu bi kliem, b'gesti jew b'xi mod iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

u aktar talli bejn l-1 ta' Jannar 2010 u t-2 ta' Marzu, 2010, f'hinijiet differenti f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

2. gabet ruhha b'mod li tat fastidju lil Charlon Gouder, u b'mod li kienet taf jew imissha kienet taf li dan kien ta' fastidju ghal Charlon Gouder u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Charlon Gouder, weggghajtu b'kitba, b'figuri jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 252(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u aktar talli tat malafama lil Charlon Gouder permezz ta' pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, jew bil-mezz ta' xi xandir u dan bi ksur tal-Artikolu 3 u 11 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Charlon Gouder u sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, torbot lill-imsemmija Daphne Anne Caruana Galizia b'obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Gunju, 2012, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant illiberatha minnhom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Gunju, 2012, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellata hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fit-12 ta' Gunju, 2012 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament zbaljat u irragjonevoli tal-provi migbura u interpretazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi.

Illi l-esponenti Avukat Generali intavola dan l-appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-atikolu 413(1)(c) tal-Kap 9 u l-artikolu 48 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi bid-dovut rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet manifestament zbaljata meta ma sabitx htija fl-appellata fl-akkuzi ta' libell taht il-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta, ingurja taht il-Kodici Kriminali, u l-akkuza tal-fastidju ikkontemplata fl-artikolu 251A tal-istess Kodici.

Illi l-esponent fl-ewwel lok jilment mill-motivazzjoni li tat l-Ewwel Onorabbli Qorti u per konsegwenza ma sabitx htija fl-appellat taht l-Att Dwar l-Istampa. Illi skond l-Ewwel Qorti *'l-anqas biss ingbet il-prova mill-prosekuzzjoni ta' min jikkontrolla s-sit elettroniku hawn fuq ikkwotat, liema prova hija mandatorja taht l-istess Ligi'*. Illi bid-dovut rispett l-Ewwel Qorti hija manifestament zbaljata fil-konkluzjoni taghha u dan ghaliex fl-atti tal-kawza u sejatament a fol. 12 tal-process f'verbal datat 4 ta' Ottubru, 2010 id-difiza ikonfermat illi l-istess sit eletroniku u cioe' *www.daphnecaruanagalizia.com 'huwa gestit minnha u rregistrat f'isimha u tassumi r-responsabbilita' ta' dak kollu li hemm ppublikat'*. Oltre dan, l-appellata *ex admissis* stqarret u kompliet tikkonferma l-istess fl-istqarrija taghah u ghall-mistoqsija *'Inti tamministra din is-site fuq l-internet?'* l-appellat wiegbet *'IVA'.*

Illi ghaldaqstant meta l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza qalet illi 'Din il-Qorti ma thossx li tista' tassumi li l-imputata ghandha il-kontroll tas-sit elettroniku de quo u dan sempliciment ghaliex l-istess sit igib l-isem ta' l-imputata..' l-Qorti kienet manifestament zbaljata u dan ghaliex l-Ewwel Qorti ma kellha ghalefejn tassumi assolutament xejn, ghaliex dan kien gie ppruvat bhala fatt, kemm mill-verbal fuq ismemmi kif ukoll ex admissis mill-appellata. Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni ma kelliex ghalfejn tressaq prova ulterjuri ta' dan. Illi m'huweix minnu illi l-unika tentattiv li sar min-naha tl-prosekuzzjoni sabiex tressaq din il-prova u tingeib il-konferma neccessarja tal-amministratur tas-sit kien biss *'domanda li ghamlet il-prosekuzzjoni lill-imputata in kontro-ezami fejn din saqsiet jekk l-imputata kienetx kitbet fuq il-kwistjoni fuq is-sit taghha, ghal liema domanda l-imputata wiegbet "kont ktibt dwaru..."'* Illi semmai din it-twegiba tkompli ssahhah dak li diga' kien ben ppruvat u kkonfermaty.

Issir referenza wkoll ghall-parti tas-sentenza fejn il-Qorti irrimarkat kif gej:

*"Il-parte civile ma giex mistoqsi sabiex jikkonferma bil-gurament id-dokumenti mehudin minn dan is-sit u esebiti fl-atti a fol 39-55..."*

Illi bid-dovut rispett, id-dokument esebiti in atti mill-Prosekuzzjoni, stampati mis-sit elettroniku fuq imsemmi, gestit u kkontrollat mill-appellata kif jirrzulta b'mod car u inekwivoku mill-atti, huma prova fihom infushom. Inoltre, lanqas ma jaghmel sens – la legali u lanqas fattwali – li l-parte civile jigi mistoqsi sabiex jikkonferma bil-gurament id-dokumenti msemmija, galadarba dawn id-dokumenti ma gewx redatti minnu.

Illi wkoll fis-sentenza jinghad illi l-parte civile bl-ebda mod ma accenna fuq il-kwistjoni tal-fastidju allegatament subit mill-imputata jew fuq l-akkuza taht il-ligi tal-istampa u cioe' fuq dak li gie rrapurtat fuq is-sit eletroniku hawn fuq kkwotat. Minbarra l-fatt illi jekk wiehed ihares lejn ix-xhieda tal-parte civile a fol 58 isib referenza ghal dan, l-esponent jirrileva illi ma kienx hemm il-bzonn illi jsir l-accenn ghall-fastidju subit minnu ghaliex dan johrog car kristall mill-artikoli pprezentati u li huma parti integrali mill-process. Prova iktar minn hekk ma setghetx tingeib u allura l-fastidju huwa ppruvat ukoll.

Illi aktar minn hekk b'mod manifestament erronju u irragonevoli l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet illi '*thoss illi l-akkuzi 2 sa 4 gew tacitament irrinunzjati..'*

Illi bl-akbar umilta' u bid-dovut rispett l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha kieku evalwat f'dettal l-atti tal-kawza odjerna. Illi mhux talli ma kien hemm l-ebda rinunzja tacita jew xorta' ohra izda l-akkuzi 2 sa 4 u cioe' dawk kif mahsuba taht l-artikolu 251A u 252(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dawk taht l-Artikoli 3 u 11 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta gew sufficjentement ppruvati u kellha tinsab htija taghhom.

Illi r-reat ta' fastidju jinnecessita li jkun hemm '*course of conduct*'. Indubbjament mix-xheida prodotta, mid-dokumenti, mill-ammissjoni tal-appellata fl-istqarrija u anke fix-xhieda taghah stess fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2011, jirrizulta b'mod ampju l-fastidju fil-konfront tas-Sur Gouder. B'ebda mod wiehed ma jista' jghid illi l-agir tal-

appellat kien xi incident izolat u allura l-element ta' ripretizzjoni jew persistenza gie ppruvat ukoll.

Illi anke r-reat taht l-artikolu 252(3) li jaqra kif gej gei ampjament ippruvat:

*'Jekk l-inġurja ssir b'kitba, b'figuri jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku, il-ħati jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena.'*

Illi huwa ben stabbilit u pacifiku fil-gurisprudenza nostrana *'illi mhux necessarju li jigi rintraccjat l-animus injurandi meta l-espressjonijiet adoperati huma fis-sens komunikament uzati ingurjuz u ghall-finijiet ta' ingurja huma bizzejjed li wiehed ikun jf li dak li qieghed jigi divulgt jista' jaghmel hsara lir-reputazzjoni ta' haddiehor'.*

Illi anke taht il-Kodici Penali Taljana, ir-reat ta' ingurja huwa kkontemplat taht ir-reati li jmorru kontra l-unur tal-persuna filwaqt li s-subtitolu tal-Kodici Penali taghna jaqra 'Fuq Theddid, Vjolenza Privata u Fastidju'. Illi f'sentenza moghtija mill-Cassazione n. 13263/2005 jinghad hekk:

*'ai fini della sussistenza del delitto di nguria e' sufficente che l'agente abbia consapevolmente apostrofato l'interlocutore con u epito, chiaramente offensive in relazione al contest in cuie e' stato pronunciato, ed effettivamente percepito come tale, a nulla rilevando l'assenza in capo al primo soffetto dell' intenzione di offendere'*

Illi minn dan johrog car illi anke jekk stess l-appellata qatt ma kienet intenzjonata li tweggha lil parte civile bi kliemha, il-fatt illi huwa hassu ingurjat huwa bizzejjed sabiex dan ir-reat jissussisti.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti jinghad illi l-argument principali ta' din is-sentenza ser ikun iffukat fuq l-incident li nqala fit-2 ta' Marzu, 2010 u cioe' l-incident li nqala' quddiem il-bini tal-Qorti. Illi skont l-Ewwel Onorabbli Qorti ma nstabitx htija ghaliex *'l-appellata irnexxilha tipprova fuq bazi ta' probabilita' in-nuqqas ta' animus iniuriandi rikjest mill-ligi sabiex din l-akkuza tigi ppruvata u dan stante illi:*

*i) L-imputata uzat kliem fuq fatti li kienu diga ta' dominju pubbliku;*

*ii) Li l-imputata kienet qed thossha aggravate minn dak li kien qed jigri meta hassitha ivvjolata meta kienet qed titkellem fil-privatezza mal-avukat taghha; u*

*iii) Meta hi indirizzat lil-camera u mhux qaghdet ixxandarha man-nies kollha li kien hemm fi Triq ir-Repubblika.'*

Illi bid-dovut rispett l-Ewwel Qorti hija manifestament zbaljata in kwantu ir-ragunament suespost. Illi primarjament mill-provi prodotti u mix-xhieda l-animus iniuriandi johrog carissmu iktar u iktar meta wiehed iqeis illi mix-xhieda tal-

appellata nnifisha jirrizulta illi hija ammettiet li stqarret il-kliem ingurjuz sabiex zgur ma jintuzax il-filmat.

Illi wkoll il-fatt li *l-impuatata uzat kliem fuq fatti li kienu diga' ta' dominju pubbliku* ghall-kuntrarju ta' dak li qalet l-Ewwel Onorabbli ma jezonerax lill-appellata mir-responsabbilita' kriminali. Huwa ferm perikoluz li nadottaw din it-tezi ghaliex ser nispiccaw f'sitwazzjoni illi jekk xi persuna joghgobha tivvinta xi haga fuq xi had u titfaghha f'dominju pubbliku minghajr kontroll dwar il-verita' o meno taghha kif fil-fatt gara fil-kaz odjern, din tkun tista' tintuza minn persuni ohrajn minghajr penalizzazjoni. L-esponent hawnhekk jirreferi wkoll ghall-artikolu 253(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

*"L-imputat tad-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan ma jistax, biex jehles mill-htija, jipprova li l-fatt attribwit lill-persuna offiza huwa veru jew maghruf minn kulhadd."*

Issa huwq wkoll kemmxejn stram illi l-Ewwel Qorti taccetta t-tezi illi *l-imputat kienet qed thossha agravata minn dak li kien qieghed jigri meta hassitha vvjolatha meta kienet qed titkellem fil-privatezza mal-avukat taghha* ghaliex nafu ben tajjeb illi jekk wiehed irid il-privatezza mal-avukat ma jkellmux f'nofs Triq ir-Repubblika, l-Belt Vallett imam facilment b'appuntament tiltaqa' mieghu l-ufficcju.

Illi *meta hi indirizzat lil camera u ma qaghdetx ixxandarha man-nies kollha li kien hemm fi Triq ir-Repubblika.* Dan ir-ragunament huwa wiehed li ma jista' qatt iregi mhux biss minhabba illi l-kliem ingurjuzi kienet ilha tiktibhom u xxandarhom man-nies izda wkoll anke minhabba illi skond gurisprudenza nostrana *"biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja... il-kliem ingurjuzi iridu jkunu komunikati direttament jew indirettament lil terza persuna – mqar terza persuna wahda...'* Inoltre harsa lejn il-filmat esebit turi b'mod mill-aktar car li kien hemm diversi nies prezenti li lkoll harsu meta semghu lill-appellata ittenni dan il-kliem.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Frar 2016 fejn l-appellata issollevat l-eccezzjoni dwar in-nullita ta'l-appell interpost mill-Avukat Generali fir-rigward ta' dawk l-akkuzi fejn jenhtieg skont il-ligi il-kwerela tal-parti leza ghal prosekuzzjoni taghhom.

Semghet trattazzjoni fuq din il-pregudizzjali sollevata mill-appellata.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija limitata ghal pregudizzjali sollevata mill-appellata li tishaq illi l-appell kif interpost mill-Avukat Generali huwa null u dan fir-rigward ta' dawk l-akkuzi fejn jenhtieg il-kwerela tal-parti leza ghal prosekuzzjoni taghhom u dan billi

appell mill-Avukat Generali fir-rigward huwa improponibbli tenut kont tal-fatt illi l-parti leza ma ressqet l-ebda talba a tenur ta'l-artikolu 414 tal-Kodici Kriminali fejn huwa wera li hassu aggravate bid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti.

Illi minn ezami tac-citazzjoni johrog illi l-appellata giet mixlija kemm bir-reat tal-ingurja u il-fastidju ikkontemplati fil-Kodici Kriminali u precizament fl-artikoli 251A u 252 tieghu, kif ukoll b'dawk ir-reati previsti fl-artikoli 3 u 11 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet u ta' Malta u cioe' l-Att dwar l-Istampa. Issa ghar-reati li jaqghu that id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa jinghad fl-artikolu 31 tieghu illi:

**"(1) L-azzjoni kriminali għal kull reat taħt l-artikoli 11 u 21 jistgħu jinbdew biss bi kwerela tal-parti offiża jew tal-persuni msemmija fl-artikolu 542 tal-Kodiċi Kriminali.**

**(2) Id-disposizzjonijiet kollha tal-Kodiċi Kriminali dwar proċedimenti bi kwerela privata, magħduda b'mod partikolari d-disposizzjoni tal-artikolu 373 ta' dak il-Kodiċi, għandhom, safejn applikabbli, japplikaw għal proċedimenti fuq kwerela privata taħt dan l-artikolu."**

Ghar-reati imbaghad li huma ikkontemplati fil-Kodici Kriminali u cioe' dawk li jitkellmu dwar l-ingurja u il-fastidju, huwa biss fir-rigward tal-ingurja li jinghad illi:

**"Għall-inġurja ma jittieħed ebda proċediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża."**

**u**

**"Fil-każijiet ta' inġurja li ssir bil-mezz tal-Istampa, igħoddu d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa.**

**Meta, skont l-Att hawn fuq imsemmi, il-proċediment jista' jsir biss bi kwerela tal-parti offiża, igħoddu wkoll id-disposizzjonijiet tal-proviso tal-aħħar artikolu qabel dan.[1]"**

Stabbilit kwindi illi kien jehtieg il-kwerela tal-parti offiza ghall-prosekuzzjoni ta' dawk ir-reati li jitkellmu dwar l-ingurja kemm dawk li jaqghu taht id-

[1] Artikoli 255 u 256 KK

disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali kif ukoll dawk ikkontemplati fl-artikolu 11 tal-Kapitolu 248, irid jigi stabbilit  jekk tali intenzjoni da parti tal-kwerelanti hijiex mehtiega ukoll *ad validitatem* fi stadju ta' appell u cioe' sabiex tintalab ir-revizjoni ta' decizjoni mehuda in prim'istanza. Dan huwa il-pregudizzjali sollevat mill-appellata fejn qed tecepixxi in-nullita ta'l-appell interpost mill-Avuakt Generali u dan limitatament ghal dawk l-aggravvji li jattakkaw id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti in konnessjoni mar-reati ta'l-ingurja.

Issa l-Avukat Generali qieghed jippostula l-appell tieghu bis-sahha ta dak dispost fl-artikolu 413(1)(c) tal-Kodici Kriminali li jaghtih is-setgha allura li iressaq appell f'kwalunkwe cirkostanza minn dawk id-decizjonijiet mehuda mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali ghal kawzi li mhumiex sommarji. Illi minn ezami ta'l-atti johrog illi ghalkemm il-parti leza Charlon Gouder talab li jigi ammess bhala parte civile u anke giet esebieta il-kwerela relattiva[2], madanakollu kien biss l-Avukat Generali imbaghad meta giet deciza il-kawza li ressaq in-nota tieghu li permezz taghha avza lilll-Ewwel Qorti bl-intenzjoni li jitlob ir-revizjoni tad-decizjoni taghha.

Illi fuq dan il-punt ta' dritt il-gurisprudenza tghallimna:

"**Jekk quddiem l-Ewwel Qorti il-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Pulizija Ezekuttiva, nonostante li r-reat kien jenhtieg il-kwerela tal-parti leza, jekk hemm dritt ta' appell dan jispetta biss lill-Avukat Generali u mhux lil tali parti leza**.[3]"

Mela allura skont l-artikolu 373 tal-Kodici Kriminali (li ighodd ukoll ghar-reat taht l-Att dwar l-istampa) f'kaz ta' reat bhal dak in dizamina, l-azzjoni kriminali tmiss lill-offiz. Dan ifisser skont l-artikolu 374 li l-prosekuzzjonui titmexxa mill-offiz skond id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 374.

Fil-kaz odjern hu evidenti mill-atti – kemm mic-citazzjoni li mhix tahrika ta' kawza privata, izda "tahrika ta' kawza tal-pulizija" – kif ukoll mill-*okkio* tal-verbali u mill-

[2] Esebieta a fol.22 Dokument JG4
[3] Il-Pulizija vs Philippa Farrugia – 06/12/1995 – App.Inf

istess sentenza, li l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Pulizija Ezekuttiva u li ghalhekk il-partijiet fil-kawza kienu l-Pulizija u l-gudikabbli, li eventwalment giet illiberata.

"Jekk dan sarx bi zball jew ghax il-Pulizija Ezekuttiva ghamlet uzu mill-proviso tal-artikolu 373 hu, f'dan l-istadju, irrilevanti."

Dak li kellha taghmel l-appellanti, allura, kien illi tqajjem dan il-punt quddiem il-qorti inferjuri fejn allura tattakka il-validita tal-procediment, fil-kaz li dehrilha li dan kien qed jitmexxa b'mod zbaljata, billi l-prosekuzzjoni tal-kaz ma kienx imiss lill-Pulizija Ezekuttiv, izda lill-offiz, haga li jidher li ma ghamlitx u allura kif gie superjorment deciz fis-sentenza iccitata billi issa fi stadju ta' appell hemm sentenza moghtija **f'kawza tal-Pulizija** u fejn **il-partijiet huma l-Pulizija u l-gudikabbli,** allura kien jispetta biss lill-Avukat Generali d-dritt li iressaq l-appell tieghu, haga li ma tistax tigi eradikata bil-fatt illi l-kwerelant ma weriex ix-xewqa tieghu li jappella ukoll mid-decizjoni tal-qorti inferjuri. Dan ghaliex l-pulizija Ezekuttiva kienet parti fil-kawza u allura ghandha d-dritt taghha ghall-appell kif imexxija 'il quddiem mill-Avukat Generali skont il-ligi. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax taqbel ma'l-argument sollevat mid-difiza, illi gjaldarba l-offiza ma weriex l-intenzjoni li iressaq appell mid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti huwa kien qieghed jirrinunzja tacitament ghal kwerela tieghu u dan billi l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali jinneccessita l-kwerela biss sabiex jinbeda il-procediment kriminali, liema kwerela tinsab esebieta fl-atti, izda imbaghad dak il-procediment tmexxa 'il quddiem mill-Pulizija Ezekuttiva li sar parti fil-kawza u kwindi gjaldarba il-kawza wasslet fit-tmiem taghha twieled id-dritt tieghu ghall-appell a tenur ta'l-artikolu 413 (1)(c) fejn allura l-kwerela baqghet wahda valida u tifforma parti mill-atti. Illi il-Qorti b'analogija tirreferi ghal dak dispost fl-artikolu 390 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi illi f'dawk il-kazijiet fejn ma jistgħux jinfetħu proċeduri kriminali ħlief bit-talba tal-privat, il-Qorti xorta wahda tista' tghaddi ghas-sentenza anke fl-assenza tal-kwerela jew prova taghha, kemm-il darba l-parti offiza ma tidhirx biex tirrinunzja ghall-azzjoni. U dan japplika sia jekk ir-reat originali kien ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ukoll jekk kien ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali. Allura dan ifisser illi sabiex jitqies illi ikun hemm rinunzja tal-kwerela huwa il-kwerelant li

irid jidher u espressament jirrinunzja ghaliha u tali rinunzja qatt ma tista' tigi prezunta, kif donnha qed tippostula l-appellata fil-pregudizzjali minnha sollevata.

Ghal dawn il-motivi l-pregudizzjali sollevata mill-appellata qed tigi rigettata u l-Qorti tordna il-prosegwiment tas-smigh ta'l-appell skont il-ligi.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur